



Brussell, 17 ta' Frar 2022
(OR. en)

6064/22

Fajl Interistituzzjonal:
2021/0437(COD)

CODEC 133
TRANS 68
COVID-19 32
PE 9

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent/Kunsill
Suġġett:	<p>Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1429 fir-rigward tad-durata tal-perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja</p> <ul style="list-style-type: none">- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew <p>(Strasburgu, mill-14 sat-18 ta' Frar 2022)</p>

I. INTRODUZZJONI

Fis-26 ta' Jannar 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara li l-plenarja approvat it-talba tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) biex jiproċedi skont l-Artikolu 163 (proċedura urġenti) fl-14 ta' Frar 2022, il-Kumitat TRAN ressaq il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament. Ma ġiet ippreżentata ebda emenda.

II. VOTAZZJONI

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-16 ta' Frar 2022 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġiżlattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P9_TA(2022)0035

Ferroviji: titwil tal-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposta - COVID-19 *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1429 fir-rigward tad-durata tal-perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposta għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja (COM(2021)0832 – C9-0001/2022 – 2021/0437(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: L-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0832),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0001/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekomomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Jannar 2022¹,
- wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-26 ta' Jannar 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Frar 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1429 fir-rigward tad-durata tal-perijodu ta' referenza għall-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni tad-19 ta' Jannar 2022 (għandha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Ufficijal).

² Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022.

Billi:

- (1) Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal tnaqqis qawwi fit-traffiku ferrovjarju kkawżat minn tnaqqis sinifikanti fid-domanda. Dan kellu impatt serju fuq l-impriżi ferrovjarji.
- (2) Dawk iċ-ċirkostanzi huma lil hinn mill-kontroll tal-impriżi ferrovjarji, li kontinwament kellhom jiffaċċejaw problemi konsiderevoli ta' likwidità, telf kbir u f'xi każijiet, qed jirriskjaw l-insolvenza.
- (3) Sabiex ikunu jistgħu jiġi jieldu l-effetti ekonomiċi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19 u jappoġġaw lill-impriżi ferrovjarji, ir-Regolament (UE) 2020/1429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ippermetta lill-Istati Membri jawtorizzaw lill-maniġers tal-infrastruttura biex inaqqsu, jirrinunzjaw jew jiddifferixxu l-imposti għall-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja. Dik il-possibbiltà ngħatat għal perijodu ta' referenza mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 u ġiet estiża ulterjorment mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1061² sal-31 ta' Diċembru 2021.
- (4) It-tkomplija tal-pandemija tal-COVID-19 u l-ħolqien ta' varjanti li jittieħdu ħafna u li huma imprevedibbli, bħall-varjant tal-COVID-19 tal-Omicron, jfisser li jistgħu jkunu neċessarji miżuri restrittivi ġoddha.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/1429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020 li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tat-tifqigħha tal-COVID-19 (ĠU L 333, 12.10.2020, p. 1).

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1061 tat-28 ta' Ġunju 2021 li jestendi l-perjodu ta' referenza tar-Regolament (UE) 2020/1429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tat-tifqigħha tal-COVID-19 (ĠU L 229, 29.6.2021, p. 1).

- (5) L-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-traffiku ferrovjarju għadu jippersisti u huwa possibbli li l-impriżi ferrovjarji jkomplu jiġu affettwati. Fi sforz biex iwieġeb għall-ħtiġijiet urgħenti tas-settur, il-perijodu ta' referenza stipulat mir-Regolament (UE) 2020/1429 jenħtieġ li jiġi estiż ulterjorment sat-30 ta' Ġunju 2022.
- (6) L-evoluzzjoni mhux prevedibbli tal-pandemija tal-COVID-19, il-ħolqien f'daqqa ta' varjanti ġodda u l-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt tagħhom fuq is-settur ferrovjarju jeħtieġu respons regolatorju rapidu u flessibbli. Sabiex jiġi evitat distakk fir-rispons għas-sitwazzjoni attwali, huwa essenzjali li jiġi żgurat li r-regoli jkomplu jaapplikaw wara l-31 ta' Diċembru 2021. Minħabba n-natura tal-miżuri previsti mir-Regolament (UE) 2020/1429, l-applikazzjoni retroattiva tal-estensjoni tal-perijodu ta' referenza ma tirriżultax fi ksur tal-aspettattivi leggħetti tal-persuni kkonċernati.
- (7) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza kontinwament l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur ferrovjarju u jenħtieġ li l-Unjoni tkun f'pożizzjoni li testendi, mingħajr dewmien żejjed, il-perijodu tal-applikazzjoni tal-miżuri previsti mir-Regolament (UE) 2020/1429 jekk jippersistu l-kundizzjonijiet ħżiena.

- (8) Sabiex tīgi estiża, jekk neċessarju u ġġustifikat, il-validità tar-regoli previsti fir-Regolament (UE) 2020/1429, jenħtieġ li tīgi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodu ta' referenza li matulu japplikaw il-miżuri previsti mir-Regolament (UE) 2020/1429. Huwa partikolarmen importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tīgi żgurata parteċipazzjoni ugħali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (9) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jestendi l-applikazzjoni tar-regoli temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti għall-użu ta' infrastruttura ferrovjarja stabbiliti fir-rispons għas-sitwazzjoni urgħenti maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (10) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2020/1429 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (11) Fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi ecċeazzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 li jiġġustifikaw il-miżuri proposti, u b'mod aktar partikolari sabiex jiġu adottati l-miżuri meħtieġa malajr sabiex jiġu indirizzati l-problemi serji u immedjati li qed jaffaċċja s-settur, ġie kkunsidrat xieraq li tīgi prevista ecċeazzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimġhat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni, li huwa anness mat-Trattat dwar 1-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (12) Sabiex tīgi żgurata l-kontinwità u tkun possibbli l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi bħala kwistjoni ta' urġenza fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*, u jenħtieġ li jaapplika, b'mod retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2020/1429

Ir-Regolament (UE) 2020/1429 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli temporanji dwar l-impożizzjoni ta’ imposti għall-użu ta’ infrastruttura ferrovjarja kif stabbilit fil-Kapitolu IV tad-Direttiva 2012/34/UE. Dan japplika għall-użu tal-infrastrutturi ferrovjarji għal servizzi ferrovjarji domestiċi u internazzjonali koperti minn dik id-Direttiva, matul il-perijodu mill-1 ta’ Marzu 2020 sat-30 ta’ Ġunju 2022 (“il-perijodu ta’ referenza”).”

(2) l-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Fejn il-Kummissjoni ssib, abbażi tad-data msemmija fil-paragrafu 1, li t-tnaqqis fil-livell tat-traffiku ferrovjarju, meta mqabbel mal-livell fil-perijodu korrispondenti fis-snin preċedenti qed jippersisti u li x’aktarx ser jippersisti, u ssib ukoll, abbażi tal-aħjar data xjentifika disponibbli, li din is-sitwazzjoni hija r-riżultat tal-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 6, biex temenda l-perijodu ta’ referenza spċifikat fl-Artikolu 1 kif meħtieġ. Kwalunkwe emenda bħal din ma tistax testendi l-perijodu ta’ referenza b’aktar minn sitt xħur, u l-perijodu ta’ referenza ma jistax jiġi estiż lil hinn mill-31 ta’ Diċembru 2023.”

(3) l-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2023.”

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President